MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 363/2004

Kawza fil-lista: 46

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu fis-7 ta’ Jannar 1996 (Dok. A);

Peress li z-zwieg bejn il-partjiet huwa null billi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha (affidavit Dok. B);

Peress li l-partijiet formalment isseparaw fit-18 ta’ Marzu 1999 (Dok. C);

Peress li l-partijiet ghandhom tifla wahda;

Tghid il-konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:

Tiddikjara li z-zwieg celebrat fis-7 ta’ Jannar 1996 bejn il-partijiet huwa null skond il-Ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet illi l-eccipjenti taqbel illi z-zwieg iccelebrat fis-7 ta’ Jannar 1995 bejn il-partijiet huwa null skond il-Ligi ghar-ragunijiet premessi fic-citazzjoni odjerna.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavids prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta’ l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha l-konvenuta taqbel mat-talba attrici.

**Kwadru tal-tal-fatti**
Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu f’ Malta fis-7 ta’ Jannar 1996 meta allura, l-attur cittadin malti kellu 27 sena, u l-konvenuta, cittadina Ingliza kellha 19-il sena, u

wara li kienu ilhom xi zmien jghixu flimkien. Fil-5 ta' Dicembru 1996 twieldet tarbija, u fis-sena 1998 il-partijiet isseparaw de facto. Fit-18 ta' Marzu 1999 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni konsenswali.

Jirrizulta pacifiku li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet bdiet fis-sena 1993, izda huma kienu jiltaqghu darbtejn fis-sena peress li l-konvenuta kienet tghix l-Ingilterra. Sussegwentement xi sena qabel iz-zwieg il-partijiet bedew jghixu flimkien; izda il-konvenuta kienet tirriskontra diversi problemi minhabba l-visa taghha, u inoltre, hija ma kinitx kuntenta li tghix go l-Ingilterra peress li kellha l-inwkiet ma' missierha.

Fl-affidavit[1] taghha l-konvenuta tispjega li "I really had to find a solution by means of which I would be able to stay here without incurring any criminal liability or immigration problems." Hija tghid: "I remember very clearly asking A what the way out to rid myself of this problem was, and I remember also asking A whether marriage would be a way out. A told me that it was, because it would give me the right to stay in Malta indefinitely….. Nevertheless I never really thought about what marriage would entail, or indeed, what being married would mean to me and A."

Il-konvenuta ssostni li: ".. I never really wanted to get married. All I wanted was to obtain an immigration permit.." Fid-depozizzjoni[2] taghha l-konvenuta tiddeskrivi l-gurnata taz-zwieg taghha hekk: "We woke up in the morning, went to the registry, we got married and we went home. It was nothing to write home about." u fl-affidavit taghha tkompli tghid: "I don't recall being happy about being married."

Dan jinsab konfermat mill-attur fl-affidavit tieghu. Huwa jiddeskrivi lill-konvenuta bhala persuna "mohha biex tghix il-hajja ndipendenti" u jghid li hi qatt ma wriet interess fil-hajja konjugali. Minn naha taghha l-konventa takkuza lill-attur li dana kien mohhu fix-xoghol tieghu, u ma kienx

[1] Fol.47 et *seq.*
[2] Fol.51 *et seq.*

jaghti kaz l-affarijiet tal-familja u kien ihalliha hafna hin wahedha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jirrizulta car li l-partijiet dahhlu fiz-zwieg ghar-raguni zbaljata, izda mhux, biss; huma ma kienux gharrfu u fehemu l-import tal-hajja matrimonjali. Konsegwenza ta' dan, l-inkwiet matrimonjali pprecipita meta twieldet it-tarbija sena wara z-zwieg, bir-rizultat li l-partijiet isseparaw de facto fis-sena 1988.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju da parti taz-zewg partijiet fuq id-drittijiet u d-dmirijiet taz-zwieg, liema zwieg gie provokat biss, u sar biss, sabiex il-konvenuta ssolvi l-problema taghha dwar il-viza. Fid-dawl ta' dan, mhuwiex sorprendenti l-fatt li l-konvivenza matrimonjali kienet karatterizzata b' tilwim ta' bejniethom rizultat tal-oneru tar-responsabbilitajiet matrimonjali reciproci li kiber mat-twelid tat-tarbija.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u li z-zwieg in kwistjoni huwa null fil-ligi ghar-raguni kontemplata fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap,255 attribwibbli liz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-7 ta' Jannar 1996. L-ispejjez ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------